# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 14 ta' Dicembru 2016**

**Rikors Numru: 262/16 CSH**

**Banif Bank (Malta) plc numru tar-registrazzjoni C 41030**

**vs**

**Kurt Azzopardi**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat minn Banif Bank (Malta) plc fil-21 ta' Ottubru 2016 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma erbatax-il elf, mitejn u sebgha u sittin Ewro u disghin centezmu (€14,267.90) rapprezentanti ammont minnu dovut fuq il-kontijiet tieghu mal-kumpanija attrici sad-9 ta' Awissu 2016 u specifikamanet kif ser jinghad hawn taht:

1. Fuq Loan Account numru 309923 71 003 u li jikkoncerna self koncess lilu ai termini ta' Credit Agreement datat 18 ta' Awissu 2014 (ara Dok. 'A'), l-ammont ta' erbatax-il elf, mitejn u erbgha u hamsin Ewro u disgha u sittin centezmu (€14,254.69), bl-imghaxijiet inkluzi ta' tlieta u tmenin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€83.87) (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'B'), u

2. Fuq il-Current Account numru 309923 10 001 li ghandu mal-kumpanija attrici (ara l-formola ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. 'C'), l-ammont ta' tlettax-il Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€13.21), bl-imghaxijiet inkluzi ta' tliet centezmi (€0.03) (ara l-istatement bankarju mmarkat Dok. 'D'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Account fuq imsemmi;

L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpanija attrici:

1. Ai termini t'Artikolu 11 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account immarkat Dok. A u imsemmi aktar 'il fuq u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-Events of Default inkluzi f'dan id-dokument, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u

2. Ai termini ta' Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta ma' l-istess Current Account (ara Dok. 'E' u Dok. 'F' rispettivament);

Illi l-kumpanija attrici ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata 9 ta' Marzu 2016

(ara Dok. 'G') u ittra ufficjali numru 1669/2016, mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (ara Dok. 'H'), izda dawn baqghu mhux notifikati u ghalhekk, huwa baqa' inadempjenti u din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi r-rapprezentanti tal-kumpanija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment;

Bl-imghaxijiet mid-9 ta' Awissu 2016 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mal-intimat meta fetah il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata ta' hdax fil-mija (11%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 5 u 11 f'Dok. A) u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account (ara mmarkar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u mmarkata Dok. 'I');

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 1600/2016, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficjali u inkluzi wkoll charges bankarji mid-9 ta' Awissu 2016 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji imsemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'I' gja citat u Dok. 'J' kwantu l-Loan Account).

L-intimat huwa minn issa ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tieghu.

Rat illi il-konvenut kien gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Charles Buttigieg datata 28 ta' Novembru 2016 fejn thallhiet kopja tal-avviz fl-indirizz tieghu kif moghti fir-rikors promotur mill-Bank attur.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2016 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tal-bank attur pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-7 ta' Dicembru 2016.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2016 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant ,il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-bank attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-bank attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' erbatax-il elf, mitejn u sebgha u sittin Ewro u disghin centezmu (€14,267.90) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, bl-imghaxijiet mid-9 ta' Awwissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur a karigu tal-konvenut.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**